MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 474/2009

**GARDEN OF EDEN GARAGE LIMITED**

vs

**AWTORITA’ DWAR IT-TRASPORT TA’ MALTA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-18 ta’ Mejju, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) issib li l-inerzja murija mill-Awtorita’ mħarrka dwar it-talbiet tal-istess kumpannija attriċi għall-

ħruġ tal-liċenzi tat-tmien vetturi tagħha tal-għamla *open top double-deckers* għandha titqies bħala rifjut għal tali talbiet, għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kap XII; (b) issib li dak ir-rfjut huwa wieħed null, ma jiswiex u bla effett fil-liġi, għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(a) u/jew (1)(b)(iii) u/jew (1)(b)(iv) tal-Kap XII; (ċ) tordnalha biex tibda jew tissokta tipproċessa t-talbiet tagħha minnufih u tgħaddi biex twettaq l-għamil amministrattiv mitlub mill-kumpannija attriċi, fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tiffissa; (d) issib li l-Awtorita' mħarrka mxiet b'ħażen jew b'mod mhux raġonevoli fil-konfront tagħha u għaldaqstant taħti lejha għad-danni mġarrba mill-istess kumpannija attriċi minħabba l-għamil amministrattiv impunjat; (e) tillikwida, jekk meħtieġ bil-ħidma ta' periti mqabbdin mill-Qorti, d-danni mġarrbin minnha minħabba l-imġiba tal-Awtorita' mħarrka; u (f) tikkundanna lill-Awtorita' mħarrka tħallasha d-danni hekk likwidati, u dan taħt kull provvediment jew dikjarazzjoni oħra li l-Qorti jkun jidhrilha meħtieġa u f'waqtha. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita' mħarrka fit-22 ta' Ġunju, 2009, li biha laqgħat għall-azzjoni attriċi billi, fl-ewwel lok, qalet li l-azzjoni ma setgħetx issir għaliex il-kumpannija attriċi kellha rimedju ieħor taħt l-artikolu 31 tal-Kapitolu 332 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, laqgħet billi ċaħdet li hija b'xi mod naqset milli twettaq dmirha jew li dak li għamlet ma jiswiex. Hija saħqet li qiegħda tipproċessa t-talbiet tal-kumpannija attriċi u għalhekk it-tielet talba attriċi m'għadx hemm bżonnha. Tgħid li għarrfet lill-kumpannija attriċi li tista' tinħareġ liċenza għal kull waħda mill-vetturi tagħha jekk kemm-il darba jitħarsu r-Regolamenti tal-2009 dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Avviż Legali 149 tal-2009). L-Awtorita' mħarrka żżid tgħid li ma mxiet bl-ebda ħażen mal-kumpannija attriċi, li għandha d-dmir li turi bi provi li tassew kien hemm din il-mala fidi, u li minħabba fiha tassew iġġarrbu d-danni u li l-kumpannija attriċi għamlet minn kollox biex tnaqqashom;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-30 ta' Ġunju, 2009, li bih sar xi bdil fl-atti tal-kawża u fejn il-Qorti tat direttivi dwar il-kostituzzjoni tal-Bord imsemmi mill-Awtorita' mħarrka;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2009, li bih ordnat li qabel kull ħaġ'oħra ssir it-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Rat in-Nota mressqa mill-Awtorita' mħarrka fit-2 ta' Lulju, 2009[1], u l-affidavit ta' Dottor Noel Buttiġieġ-Scicluna mressaq waqt is-smigħ tat-23 ta' Lulju, 2009[2];

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-Awtorita' mħarrka;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Lulju, 2009, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għamil amministrattiv. Il-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "GOE") ressqet talba mal-Awtorita' mħarrka sabiex jinħarġulha liċenzi dwar tmien (8) vetturi tal-għamla *open top double-deckers* li hija ġabet f'Malta minn barra sabiex ikunu jistgħu jintużaw għall-ġarr ta' persuni f'ġiti turistiċi madwar Malta. Hija tgħid li l-Awtorita' mħarrka tnikkret biex tqis jekk kellhiex tilqa' t-talbiet tagħha, u

[1] Paġ. 20 tal-proċess
[2] Paġ. 23 tal-proċess

għalhekk trid li l-Qorti ssib li dan it-tnikkir ifisser rifjut tat-talba u li dan sar bi ħsieb biex il-liċenzi ma jinħarġux. Ladarba li minħabba f'hekk GOE ġarrbet danni, trid li l-Qorti ssib li kien dak in-nuqqas ta' deċiżjoni tal-Awtorita' li ħalaq dawn id-danni u għalhekk l-Awtorita' għandha tagħmel tajjeb għalihom;

Illi għal din l-azzjoni l-Awtorita' mħarrka laqgħet, fost l-oħrajn, bl-eċċezzjoni preliminari li l-azzjoni ma setgħetx issir għaliex il-mod ta' kontestazzjoni jew il-ksib ta' rimedju li GOE kellha kontra dak l-għamil setgħet kisbitu mod ieħor kif tipprovdi l-liġi speċjali. B'mod partikolari, l-Awtorita' mħarrka tgħid li GOE setgħet appellat quddiem il-Bord tal-Appelli skont l-artikolu 31 tal-Kapitolu 332 tal-Liġijiet ta' Malta kif mibdul bl-Att V tal-2008. Hija tgħid li ladarba naqset li tagħmel dan, ma tistax tressaq din l-azzjoni. L-Awtorita' mħarrka qiegħda ssejjes din l-eċċezzjoni tagħha fuq dak li jgħid l-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar is-siwi ta' din l-eċċezzjoni;

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għamil amministrattiv taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan joħroġ mill-fatt innifsu li l-attur irid jattakka d-deċiżjoni tal-Awtorita' mħarrka billi jgħid li dik id-deċiżjoni ttieħdet bi ksur tas-sub-artikolu (1)(b)(ii) tal-imsemmi artikolu;

Illi <u>mill-atti tal-kawża jirriżulta</u> li fis-17 ta' Ottubru, 2008[3], Alfred Spiteri f'isem GOE talab lill-Awtorita' mħarrka biex tawtoriżżah iġib f'Malta sitt (6) *open top double-decker buses* biex jintużaw għall-ġiti turistiċi. B'ittra oħra mibgħuta għaxart ijiem wara mill-avukat ta' GOE[4], hija ċċarat li t-talba kienet qiegħda ssir għal tmien (8) vetturi u

[3] Dok "ADT2", f'paġ. 16 tal-proċess
[4] Dok "ADT3", f'paġ. 17 tal-proċess

mhux għal sitta, u li dawn kellhom ikunu l-istess bħal vetturi oħrajn bħalhom imħaddmin minn kumpannija oħra fl-istess qasam;

Illi f'Diċembru tal-2008, il-Ministru ta direttiva lill-Awtorita' mħarrka biex ma toħroġx il-liċenza mitluba[5] sakemm titfassal politika dwar dan il-qasam sal-ewwel kwart ta' din is-sena. Dwar dan, ħarġet stqarrija fis-sit elettroniku tal-Ministeru. L-Awtorita' mħarrka għarrfet lil uffiċjali ta' GOE bil-fomm dwar din id-direttiva;

Illi din il-kawża nfetħet fit-18 ta' Mejju, 2009. L-għada nħarġu Regolamenti dwar is-Servizz ta' Ġarr tal-Passiġġieri[6]. Fit-8 ta' Ġunju, 2009[7], l-Awtorita' mħarrka bagħtet tgħarraf lil GOE li kienet lesta toħroġ il-liċenzi mitluba jekk kemm-il darba l-vetturi impurtati jkunu joqogħdu għal dak mitlub fir-Regolament 29 tal-imsemmija Regolamenti;

Illi bħala konsiderazzjonijiet ta' dritt, l-eċċezzjoni taħt eżami hija msejsa fuq iċ-ċaħda tal-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati fejn il-mod tal-kontestazzjoni jew fejn il-ksib tar-rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra. Din il-limitazzjoni tikkostitwixxi eċċezzjoni għar-regola ġenerali tal-artikolu 469A li biha l-Qrati għandhom is-setgħa li jistħarrġu għamil amministrattiv;

Illi biex għamil amministrattiv ikun jista' jiġi mistħarreġ minn Qorti, irid ikun jirrigwarda att li jikkostitwixxi deċiżjoni minn awtorita' pubblika[8]. L-att deċiżjonali jista' jkun wieħed fejn tittieħed deċiżjoni li tilqa' talba, daqskemm jista' jkun wieħed fejn it-talba ma tintlaqax[9]. Ir-rifjut ta' talba jitqies li jkun seħħ mhux biss meta t-talba tkun

---

[5] Xhieda ta' Vincent Micallef Pule' 23.7.2009, f'paġ. 27 tal-proċess
[6] Avviż Legali 149 tal-2009 (daħlu fis-seħħ fid-19 ta' Mejju, 2009, filwaqt li partijiet minnha se' jidħlu fis-seħħ fid-19 ta' Novembru, 2009)
[7] Dok "ADT1", f'paġ. 15 tal-proċess
[8] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Galea vs Kmandant tat-Task Force et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.541**)
[9] Ara t-tifsira ta' "*għemil amministrattiv*" fl-art. 469A (2) tal-Kap 12

miċħuda espressament imma wkoll fejn tibqa' ma tittiħidx deċiżjoni fi żmien xahrejn (jew xi żmien ieħor differenti li xi liġi partikolari tista' tistabilixxi) mill-wasla għand l-awtorita' pubblika li tkun ta' talba bil-miktub minn persuna li tkun trid deċiżjoni għal daqshekk. Fil-każ li għandna quddiemna, l-Awtorita' mħarrka kienet żammet lura milli tiddeċiedi dwar it-talba ta' GOE fi żmien xahrejn minn dak inhar li kienet saritilha talba bil-miktub. Għalhekk, il-qagħda li sabet ma' wiċċha GOE kienet waħda ta' rifjut għall-finijiet tat-tifsira ta' "għamil amministrattiv";

Illi, madankollu, l-Awtorita' mħarrka qiegħda tgħid li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A ma jgħoddux aktar għal dan il-każ, għaliex għall-ilment ta' GOE kemm il-mod tal-kontestazzjoni u kif ukoll il-ksib ta' rimedju kien jista' jinkiseb quddiem tribunal bis-saħħa tal-liġi speċjali, jiġifieri l-Kapitolu 332 tal-Liġijiet ta' Malta. Ladarba l-artikolu 469A(4) huwa eċċezzjoni għar-regola li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni, jeħtieġ li tali sub-artikolu jitfisser f'sens dejjaq kemm jista' jkun biex ma jġibx fix-xejn l-għan li għalih il-leġislatur daħħal din l-għamla ta' azzjoni reviżorja fil-proċedura lokali. Kif diġa' ngħad mill-Qrati tagħna, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għamil amministrativ għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaċi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba[10];

Illi l-Qorti tifhem li biex il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tistħarreġ għamil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għamil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi[11]. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, mbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A. Bilkemm għandu għalfejn jiżdied jingħad ukoll li jaqa' fuq il-parti li tallega li kien

---

[10] App. Ċiv. **6.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauċi et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.943**)

[11] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorita' tad-Djar et***

hemm rimedju ieħor disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna naqset bla raġuni tajba li tinqeda bih;

Illi għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tqis jekk hux minnu jew le li GOE kellha rimedju tajjeb u effettiv taħt xi liġi oħra u jekk naqsitx bla raġuni tajba li tinqeda bih;

Illi l-Awtorita' mħarrka tgħid li GOE setgħet u messha appellat lill-Bord tal-Appell imwaqqaf bis-saħħa tal-art 31 tal-Kapitolu 332 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi GOE tisħaq li ma kellhiex għażla oħra milli tersaq quddiem din il-Qorti għaliex tqis li l-kompetenza tal-imsemmi Bord tal-Appelli hija ċirkoskritta mis-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi li twaqqaf taħtha. Il-Qorti tifhem li dan waħdu m'għandux ikun raġuni għaliex l-imsemmi Bord ma jistax jitqies bħala kompetenti biex jagħti rimedju: wara kollox, is-setgħat ta' din il-Qorti wkoll huma ċirkoskritti mil-liġi li taħtha hija mwaqqfa. GOE żżid tgħid ukoll li ladarba l-Awtorita' mħarrka naqset li tiddeċiedi dwar it-talba tagħha, ma kien hemm l-ebda mod kif wieħed seta' jressaq appell lill-imsemmi Bord. L-Awtorita' mħarrka tgħid li GOE setgħet dejjem tressaq appell taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 31(1)(a) tal-Kap 332;

Illi għalhekk, wieħed irid iqis x'inhuma tassew is-setgħat tal-imsemmi Bord u jekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ jistax jingħad li GOE kellha rimedju effettiv taħt id-dispożizzjonijiet ta' dik il-liġi speċjali;

Illi ma jidhirx li hemm kwestjoni mill-partijiet li l-imsemmi Bord tal-Appelli huwa fil-fatt kostitwit[12]. Jirriżulta wkoll li dan ilu hekk kostitwit minn Ġunju tal-2008[13], jiġifieri minn żmien qabel ma GOE kienet ressqet it-talba mal-Awtorita' mħarrka għall-importazzjoni tal-vetturi;

Illi l-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport huwa mwaqqaf biex jisma' u jaqta' żewġ suriet ta' appell: (i) dawk li jsiru minn xi persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorita' li

[12] Verbal tas-smigħ 23.7.2009, f'paġ. 25 tal-proċess
[13] Dok "AM" u affidavit ta' Dr. Noel Buttiġieġ-Scicluna 8.7.2009, f'paġġ. 20 u 23 tal-proċess

tiċħad milli tagħti, ġġedded, tissospendi jew tirrevoka liċenza, jew timponi xi kundizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklussjonijiet fuq xi liċenza maħruġa minnha; jew (ii) dawk li jsiru minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva jew xort'oħra mposta fuqha mill-Awtorita'. L-Awtorita' mħarrka tgħid li GOE kellha jedd tal-appell taħt l-ewwel għamla;

Illi wara li l-Qorti qieset sewwa l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża ssib li ma jistax jingħad li GOE kellha tassew ir-rimedju alternattiv maħsub fl-imsemmija liġi speċjali. Dan jingħad għal żewġ raġunijiet ewlenin: fl-ewwel lok (u dan huwa argument li ressaq l-għaref difensur ta' GOE waqt it-trattazzjoni tal-għeluq), għaliex l-Awtorita' mħarrka ma ħaditx deċiżjoni li ddirimiet il-mertu tat-talba tal-istess GOE, imma biss deċiżjoni (kundizzjonata minn ordni ministerjali) li tistenna qabel ma tieħu deċiżjoni. Fit-tieni lok, ukoll kieku kellu jitqies li l-Awtorita' mħarrka ħadet deċiżjoni biex ma tilqax it-talba ta' GOE biex toħorġilha liċenzi għall-vetturi tagħha, l-istess Awtorita' naqset li tikkomunika deċiżjoni bħal dik lill-parti interessata, kif jitlob ir-Regolament 8(4) tal-Avviż Legali 149 tal-2009. B'konsegwenza ta' dan, żammet (u għadha żżomm sal-lum) lil GOE milli tista' tressaq l-appell lill-Bord fiż-żmien imsemmi fir-Regolament 8(5) tal-istess Avviż Legali;

Illi m'għandux ikun hemm dubju li fejn rimedju alternattiv taħt xi liġi speċjali ma jkunx disponibbli għal xi persuna mhux bi ħtija tagħha jew lil hinn mill-kontroll tagħha, ma jkunx xieraq li lil dik il-persuna jitneħħielha l-jedd li titlob lill-Qorti tistħarreġ l-għamil amministrattiv li minnu tilminta li ġarrbet xi ħsara jew preġudizzju[14]. Diġa' ngħad li t-tħaddim tal-artikolu 469A(4) bħala eċċezzjoni għar-regola għandu jsir meta tassew li kien hemm disponibbli rimedju effettiv u li l-parti tkun naqset bla raġuni tajba milli tinqeda bih;

Illi l-Qorti, fid-dawl ta' dan li ssemma aktar qabel, ma ssibx li GOE tassew kellha l-aċċess għal dak ir-rimedju alternattiv jew li bi ħtija tagħha naqset milli tirrikorri għalih.

[14] P.A. GV **29.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Philip Galea et vs Tigne' Development Co. Ltd. et***

Għalhekk, ma ssibx li tista’ tilqa’ l-eċċezzjoni preliminari mqanqla mil-Awtorita’ mħarrka;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-Awtorita’ mħarrka u tiddeċiedi li l-kumpannija attriċi m’għamlitx ħażin li ressqet din il-kawża quddiemha;

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni fil-mertu; u

**Tħalli d-deċiżjoni dwar il-kap tal-ispejjeż** għas-sentenza tal-aħħar.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------